PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2011/0339(COD)**

9.3.2012

# EMENDI
# 8 - 35

**Abbozz ta' opinjoni**
**Maria Badia i Cutchet**
(PE480.750v01-00)

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-twaqqif ta' Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir, it-tielet programm multiannwali ta' azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2014-2020

Proposta għal regolament
(COM(2011)0709 – C7-0399/2011 – 2011/0339(COD))



*Magħquda fid-diversità*

**Emenda 8**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni ***għandu*** jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, skont l-Artikolu 168 tat-Trattat. L-Unjoni tikkumplimenta u ssostni l-politiki nazzjonali dwar is-saħħa, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost l-Istati l-Membri u l-promozzjoni tal-kordinazzjoni bejn il-programmi tagħhom, b'rispett sħiħ lejn ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali għat-tfassil tal-politiki tas-saħħa tagħhom u t-twassil tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. | (1) Fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni ***jeħtieġ li*** jkun żgurat livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, skont l-Artikolu 168 tat-Trattat. L-Unjoni tikkumplimenta u ssostni l-politiki nazzjonali dwar is-saħħa, tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fost l-Istati l-Membri u l-promozzjoni tal-kordinazzjoni bejn il-programmi tagħhom, b'rispett sħiħ lejn ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet nazzjonali għat-tfassil tal-politiki tas-saħħa tagħhom u t-twassil tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura medika. |

Or. ro

**Emenda 9**
**Rolandas Paksas**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5) Il-programm jippreżenta azzjonijiet fl-oqsma fejn hemm evidenza ta' valur miżjud tal-UE abbażi tal-kriterji li ġejjin: it-trawwim tal-iskambju tal-aqwa prassi bejn l-Istati Membri; is-sostenn lin-netwerks għall-iskambju tal-għarfien jew tagħlim reċiproku; l-indirizzar tat-theddid transkonfinali biex jitnaqqsu r-riskji u jitrażżnu l-konsegwenzi tagħhom; l-indirizzar ta' ċerti kwistjonijiet | 5) Il-programm jippreżenta azzjonijiet fl-oqsma fejn hemm evidenza ta' valur miżjud tal-UE abbażi tal-kriterji li ġejjin: it-trawwim tal-iskambju tal-aqwa prassi bejn l-Istati Membri; is-sostenn lin-netwerks għall-iskambju tal-għarfien jew tagħlim reċiproku; l-indirizzar tat-theddid transkonfinali biex jitnaqqsu r-riskji u jitrażżnu l-konsegwenzi tagħhom; l-indirizzar ta' ċerti kwistjonijiet marbuta mas-suq intern fejn l-UE għandha l- |

| | |
|---|---|
| marbuta mas-suq intern fejn l-UE għandha l-leġittimità biex tiżgura soluzzjonijiet ta' livell għoli madwar l-Istati Membri; jinħall il-potenzjal tal-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa; azzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sistema ta' valutazzjoni komparattiva biex jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati fil-livell Ewropew it-titjib tal-ekonomiji ta' skala billi tiġi evitata l-ħela minħabba xogħol doppju u jsir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji. | leġittimità biex tiżgura soluzzjonijiet ta' livell għoli madwar l-Istati Membri; jinħall il-potenzjal tal-innovazzjoni fil-qasam tas-saħħa; azzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sistema ta' valutazzjoni komparattiva biex jippermettu t-teħid ta' deċiżjonijiet infurmati fil-livell Ewropew it-titjib tal-ekonomiji ta' skala billi tiġi evitata l-ħela minħabba xogħol doppju u jsir l-aħjar użu mir-riżorsi finanzjarji***, is-simplifikazzjoni tal-prinċipju "is-saħħa fil-politiki kollha" fl-oqsma kollha l-oħra.*** |

Or. lt

**Emenda 10**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) L-azzjonijiet previsti fil-programm għandhom jgħinu biex isaħħu s-sistemi Ewropej tas-saħħa pubblika peress li huma mekkaniżmu kruċjali għaż-żamma tal-benessri soċjali u għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi li qegħdin, b'mod preokkupanti, jiżdiedu minħabba l-inċertezza ekonomika attwali.*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (11) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid tas-saħħa transkonfinali li jistgħu jvarjaw minn kontaminazzjoni tal-massa kkawżata minn inċidenti kimiċi jew radjoloġiċi għal pandemiji, bħal dawk li feġġew reċentement mill-E coli, ir-razza tal-influwenza H1N1 jew is-SARS (Sindromu Respiratorju Akut Gravi), il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien u ż-żamma ta' mekkaniżmi u għodod robusti għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta’ theddid kbir għas-saħħa transkonfinali. Minħabba n-natura ta’ dan it-theddid, il-Programm għandu jsostni miżuri tas-saħħa pubblika koordinati fil-livell tal-UE biex jindirizzaw aspetti differenti, u jibnu fuq it-tħejjija u l-ippjanar tar-rispons, valutazzjoni robusta u affidabbli tar-riskji u qafas b’saħħtu ta’ ġestjoni tar-riskji u ta’ kriżijiet. F’dan il-kuntest, huwa importanti li l-Programm jibbenefika mill-kumplimentarjetà mal-programm ta’ ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fil-ġlieda kontra l-mard li jinxtered u mal-attivitajiet sostnuti taħt il-programmi tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali biex jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji bejn il-Programm u l-ħidma fuq is-saħħa globali mwettqa skont il-programmi tal-Komunità kif ukoll l-istrumenti li jindirizzaw b'mod partikulari l-oqsma tal-influwenza, l-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u theddid għas-saħħa ta' natura transkonfinali ieħor. L-azzjoni taħt il-programm tista' tkopri wkoll theddid transkonfinali kkawżat minn inċidenti bijoloġiċi u kimiċi, l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Kif mistqarr fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit għall-Ewropa 2020", il-Kummissjoni hi impenjata għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-programmi kollha tal-infiq tal-UE u biex tidderiġi tal-anqas 20 % tal-baġit tal- | (11) Sabiex jiġu minimizzati l-konsegwenzi għas-saħħa pubblika tat-theddid tas-saħħa transkonfinali li jistgħu jvarjaw minn kontaminazzjoni tal-massa kkawżata minn inċidenti kimiċi jew radjoloġiċi għal pandemiji, bħal dawk li feġġew reċentement mill-E coli, ir-razza tal-influwenza H1N1 jew is-SARS (Sindromu Respiratorju Akut Gravi), ***jew mard mill-pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw li minħabba l-movimenti tal-popolazzjoni globali jirrappreżentaw realtà aktar prevalenti f'ċerti pajjiżi Ewropej,*** il-Programm għandu jikkontribwixxi għall-ħolqien u ż-żamma ta' mekkaniżmi u għodod robusti għall-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-ġestjoni ta’ theddid kbir għas-saħħa transkonfinali. Minħabba n-natura ta’ dan it-theddid, il-Programm għandu jsostni miżuri tas-saħħa pubblika koordinati fil-livell tal-UE biex jindirizzaw aspetti differenti, u jibnu fuq it-tħejjija u l-ippjanar tar-rispons, valutazzjoni robusta u affidabbli tar-riskji u qafas b’saħħtu ta’ ġestjoni tar-riskji u ta’ kriżijiet. F’dan il-kuntest, huwa importanti li l-Programm jibbenefika mill-kumplimentarjetà mal-programm ta’ ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard fil-ġlieda kontra l-mard li jinxtered u mal-attivitajiet sostnuti taħt il-programmi tal-Unjoni għar-riċerka u l-innovazzjoni. Għandhom isiru sforzi speċjali biex jiġu żgurati l-koerenza u s-sinerġiji bejn il-Programm u l-ħidma fuq is-saħħa globali mwettqa skont il-programmi tal-Komunità kif ukoll l-istrumenti li jindirizzaw b'mod partikulari l-oqsma tal-influwenza, l-HIV/AIDS, it-tuberkulożi u theddid għas-saħħa ta' natura transkonfinali ieħor. L-azzjoni taħt il-programm tista' tkopri wkoll theddid transkonfinali kkawżat minn inċidenti bijoloġiċi u kimiċi, l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Kif mistqarr fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Baġit |

| | |
|---|---|
| Unjoni lejn l-objettivi marbuta mal-klima. In-nefqa għall-Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir taħt l-objettiv 4 se jikkontribwixxi b'mod ġenerali għal dan l-objettiv billi jindirizza t-theddid għas-saħħa assoċjat mat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar in-nefqa marbuta mat-tibdil fil-klima fil-Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir. | għall-Ewropa 2020", il-Kummissjoni hi impenjata għall-integrazzjoni tat-tibdil fil-klima fil-programmi kollha tal-infiq tal-UE u biex tidderiġi tal-anqas 20 % tal-baġit tal-Unjoni lejn l-objettivi marbuta mal-klima. In-nefqa għall-Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir taħt l-objettiv 4 se jikkontribwixxi b'mod ġenerali għal dan l-objettiv billi jindirizza t-theddid għas-saħħa assoċjat mat-tibdil fil-klima. Il-Kummissjoni se tipprovdi informazzjoni dwar in-nefqa marbuta mat-tibdil fil-klima fil-Programm Is-Saħħa għat-Tkabbir. |

Or. en

**Emenda 12**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 16a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(16a) Dan il-programm għandu jikkontribwixxi wkoll biex joħloq sinerġiji mal-qasam tar-riċerka Ewropea bl-introduzzjoni u l-applikazzjoni ta' skoperti innovattivi fis-settur tas-saħħa u fl-iżgurar li r-riżorsi nazzjonali Ewropej limitati qegħdin jintużaw b'mod effiċjenti. Sabiex ir-riċerka tkun tradotta f'innovazzjoni attwali fis-sistemi tas-saħħa, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-atturi b'vulnerabilitajiet speċifiċi, bħan-nisa u t-tfal, li madanakollu jagħmlu kontribuzzjoni kruċjali għat-tkabbir u l-benesseri soċjali u ekonomiku*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Romana Jordan, Françoise Grossetête**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Il-Programmm għandu jkun implimentat filwaqt li jiġi rispettat għalkollox il-prinċipju tat-trasparenza ***u b'bilanċ raġonevoli*** bejn l-objettivi ***differenti tiegħu.*** +Għandhom jingħażlu u jiġu finanzjati mill-Programm azzjonijiet xierqa koperti mill-miri speċifiċi tal-programm u b'valur miżjud ċar tal-UE. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-kriterji essenzjali ta' selezzjoni applikabbli għall-benefiċjarji potenzjali, skont ir-Regolament Finanzjarju, sabiex ikun żgurat li għandhom il-kapaċità finanzjarja u operattiva li jidħlu għal impenji finanzjati taħt il-Programmi u, fejn hu l-każ, l-evidenza meħtieġa biex tixhed l-indipendenza tagħhom. | (23) Il-Programmm għandu jkun implimentat filwaqt li jiġi rispettat għalkollox il-prinċipju tat-trasparenza. ***Il-mod li bih il-baġit huwa allokat*** bejn l-objettivi ***għandu jkun proporzjonali għall-benefiċċji li x'aktarx se jkunu marbutin mat-titjib fis-saħħa taċ-ċittadini Ewropej.*** Għandhom jingħażlu u jiġu finanzjati mill-Programm azzjonijiet xierqa koperti mill-miri speċifiċi tal-programm u b'valur miżjud ċar tal-UE. Il-programmi ta' ħidma annwali għandhom jistabbilixxu, b'mod partikolari, il-kriterji essenzjali ta' selezzjoni applikabbli għall-benefiċjarji potenzjali, skont ir-Regolament Finanzjarju, sabiex ikun żgurat li għandhom il-kapaċità finanzjarja u operattiva li jidħlu għal impenji finanzjati taħt il-Programmi u, fejn hu l-każ, l-evidenza meħtieġa biex tixhed l-indipendenza tagħhom. |

Or. en

**Emenda 14**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettivi ġenerali tal-Programm is-Saħħa għat-Tkabbir hu li ssir ħidma mal-Istati Membri biex tkun inkoraġġita l-innovazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa u | L-objettivi ġenerali tal-Programm is-Saħħa għat-Tkabbir hu li ssir ħidma mal-Istati Membri biex tkun inkoraġġita l-innovazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa u |

| | |
|---|---|
| biex tikber is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, biex titjieb is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u ***tħarishom*** mit-theddid għas-saħħa ta' natura transkonfinali. | biex tikber is-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa, biex titjieb is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE, ***jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa u jitħares il-pubbliku*** mit-theddid għas-saħħa ta' natura transkonfinali ***u bejn reġjun u ieħor.*** |

Or. ro

**Emenda 15**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Li jkunu żviluppati għodod u mekkaniżmi komuni fil-livell tal-UE biex jindirizzaw in-nuqqas ta' riżorsi, kemm umani u kemm finanzjarji, u biex jiffaċilitaw l-użu tal-innovazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa sabiex iwasslu għal sistemi innovattivi u sostenibbli tas-saħħa. | (1) Li jkunu żviluppati għodod u mekkaniżmi komuni fil-livell tal-UE biex jindirizzaw in-nuqqas ta' riżorsi, kemm umani u kemm finanzjarji, u biex jiffaċilitaw l-użu tal-innovazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa sabiex iwasslu għal sistemi innovattivi u sostenibbli tas-saħħa ***u biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi fi ħdan is-servizzi Ewropej għall-kura tas-saħħa.*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Li jikber l-aċċess għall-għarfien espert mediku u informazzjoni medika għal kundizzjonijiet speċifiċi anki lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jiġu żviluppati soluzzjonijiet u linji gwida komuni biex titjieb il-kwalità tal-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti sabiex | (2) Li jikber l-aċċess għall-għarfien espert mediku u informazzjoni medika għal kundizzjonijiet speċifiċi anki lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jiġu żviluppati soluzzjonijiet u linji gwida komuni biex titjieb il-kwalità tal-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti sabiex |

| | |
|---|---|
| jikber l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-UE. | jikber l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-UE***, fl-UE kollha.*** |

Or. ro

**Emenda 17**
**Romana Jordan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Li jkun identifikat, mifrux u promoss l-użu tal-aqwa prattiki vvalidati għall-miżura ta' prevenzjoni kosteffettivi billi jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju ewlenin, jiġifieri t-tipjip, l-abbuż tal-alkoħol ***u*** l-obeżità, kif ukoll l-HIV/AIDS, b'enfasi fuq id-dimensjoni transkonfinali, sabiex jiġi evitat il-mard u tiġi promossa s-saħħa. | (3) Li jkun identifikat, mifrux u promoss l-użu tal-aqwa prattiki vvalidati għall-miżura ta' prevenzjoni kosteffettivi billi jiġu indirizzati l-fatturi ta' riskju ewlenin, jiġifieri t-tipjip, l-abbuż tal-alkoħol u l-obeżità ***u d-drogi***, kif ukoll l-HIV/AIDS, b'enfasi fuq id-dimensjoni transkonfinali, sabiex jiġi evitat il-mard u tiġi promossa s-saħħa. |

Or. en

**Emenda 18**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt 4 - subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Sabiex jiġu żviluppati approċċi u azzjonijiet konġunti u jintwera l-valur tagħhom għat-tħejjija u l-koordinament aħjar tar-riċerka fil-prevenzjoni u t-trattament ta' mard rari li, minħabba li huwa skars, jista' jiġi indirizzat effettivament biss fl-livell pan-Ewropew.*** |

Or. ro

**Emenda 19**
**Romana Jordan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – punt 4 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Għandu jkun hemm bilanċ sostanzjali garantit bejn l-erba' objettivi tal-Programm.*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 1.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***– 1.2 Il-promozzjoni tal-użu tal-innovazzjoni fis-saħħa u s-servizzi elettroniċi tas-saħħa billi tikber l-interoperabbiltà tal-applikazzjonijiet tas-servizzi elettroniċi tas-saħħa;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 1.2 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– 1.2a. Jiġu żviluppati standards ICT għas-servizzi elettroniċi tas-saħħa, sabiex teknoloġiji ICT isiru utli fil-qasam tas-saħħa ħalli tkun garantita l-protezzjoni*** |

| | |
|---|---|
| | ***tad-dejta personali u jitħarsu l-pazjenti u l-privatezza tagħhom;*** |

Or. ro

**Emenda 22**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 1.2 b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***– 1.2b. Jiġu żviluppati standards u protokolli ICT għas-servizzi elettroniċi tas-saħħa għal servizzi ta' emerġenza, inkluż l-użu ta' sistemi tat-trasport intelliġenti (ITS) f'servizzi bħal dawn;*** |

Or. ro

**Emenda 23**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 2.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – 2.2 Sostenn lill-azzjonijiet dwar il-mard rari inkluż ***il-ħolqien ta' Netwerks Ta' Referenza Ewropej (skont il-punt 2.1),*** l-informazzjoni u r-reġistri bbażati fuq il-kriterji komuni għall-akkreditazzjoni; | – 2.2 Sostenn lill-azzjonijiet dwar il-mard rari inklużi l-informazzjoni u r-reġistri bbażati fuq il-kriterji komuni għall-akkreditazzjoni |

Or. en

**Emenda 24**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 3.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-kwistjonijiet ewlenin tas-saħħa bħalma huma l-prevenzjoni tat-tipjip, l-abbuż tal-alkoħol u l-obeżità; | L-iskambju tal-aqwa prattiki dwar il-kwistjonijiet ewlenin tas-saħħa bħalma huma l-prevenzjoni tat-tipjip, ***l-użu tad-droga, inklużi sustanzi etnobotaniċi,*** l-abbuż tal-alkoħol u l-obeżità; |

Or. ro

**Emenda 25**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – punt 3.2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| – 3.2 Is-sostenn tal-prevenzjoni tal-mard kroniku inkluż ***il-kanċer***, permezz tal-iskambju tal-għarfien u l-aqwa prassi u l-iżvilupp ta' attivitajiet konġunti; | – 3.2 Is-sostenn tal-prevenzjoni tal-mard kroniku inkluż ***mard kardjovaskolari, hepatitis B u C u l-kanċer***, permezz tal-iskambju tal-għarfien u l-aqwa prassi u l-iżvilupp ta' attivitajiet konġunti; |

Or. ro

**Emenda 26**
**Romana Jordan, Françoise Grossetête**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) azzjonijiet li jkollhom valur miżjud tal-UE ċar u li jkunu kofinanzjati minn korpi pubbliċi jew privati, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), inklużi l-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa u għal dawn tal-aħħar, skont il-każ u mingħajr sejħa preċedenti għal proposta, ġustifikata kif jixraq fil-programmi ta' ħidma annwali; | (b) azzjonijiet li jkollhom valur miżjud tal-UE ċar u li jkunu kofinanzjati minn korpi pubbliċi jew privati, kif imsemmi fl-Artikolu 8(1), inklużi l-organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa u għal dawn tal-aħħar, skont il-każ u mingħajr sejħa preċedenti għal proposta, ġustifikata kif jixraq fil-programmi ta' ħidma annwali***, b'konformità mar-*** |

| | |
|---|---|
| | ***regolamenti finanzjarji tal-UE u r-regoli implimentattivi tagħha***; |

Or. en

**Emenda 27**
**Romana Jordan**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) Mhumiex mhux governattivi, ma jagħmlux profitt, huma indipendenti mill-industrija, minn interessi kummerċjali ***u*** ta' negozju u oħrajn kunfliġġenti; | (a) Mhumiex mhux governattivi, ma jagħmlux profitt, huma indipendenti mill-industrija, minn interessi kummerċjali, ta' negozju***, politiċi*** u oħrajn kunfliġġenti; |

Or. en

**Emenda 28**
**Romana Jordan, Françoise Grossetête**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (g) l-azzjonijiet kofinanzjati minn organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa mingħajr sejħa preċedenti għal proposta ġustifikata kif jixraq. | (g) l-azzjonijiet kofinanzjati minn organizzazzjonijiet internazzjonali attivi fil-qasam tas-saħħa mingħajr sejħa preċedenti għal proposta ġustifikata kif jixraq***, b'konformità mar-regolamenti finanzjarji tal-UE u r-regoli implimentattivi tagħha***. |

Or. en

**Emenda 29**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tissorvelja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-programm fid-dawl tal-objettivi u l-indikaturi tiegħu***, inkluża l-informazzjoni dwar l-ammont tan-nefqa marbuta mal-klima***. Tirrapporta dan lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 13, u żżomm infurmati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. | 1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tissorvelja l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taħt il-programm fid-dawl tal-objettivi u l-indikaturi tiegħu. Tirrapporta dan lill-kumitat imsemmi fl-Artikolu 13, u żżomm infurmati lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. |

Or. ro

**Emenda 30**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Il-Kummissjoni għandha tressaq rapport annwali lill-Parlament Ewropew dwar il-mod kif il-programm qiegħed jiġi implimentat u dwar l-impatt tiegħu.*** |

Or. ro

**Emenda 31**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mhux iktar tard minn nofs l-2018, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni dwar ir-realizzazzjoni tal- | Mhux iktar tard minn nofs l-2018, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi rapport ta' evalwazzjoni u ***tippreżentah lill-*** |

| | |
|---|---|
| objettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tiegħu tal-UE, bil-ħsieb ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni addizzjonalment se tindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. Se tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-programm ta' qabel. | ***Parlament Ewropew*** dwar ir-realizzazzjoni tal-objettivi tal-miżuri kollha (fil-livell ta' riżultati u impatti), l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud tiegħu tal-UE, bil-ħsieb ta' deċiżjoni dwar it-tiġdid, il-modifika jew is-sospensjoni tal-miżuri. L-evalwazzjoni addizzjonalment se tindirizza l-ambitu għas-simplifikazzjoni, il-koerenza interna u esterna tagħha, ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi kollha, kif ukoll il-kontribuzzjoni tal-miżuri għall-prijoritajiet tal-Unjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inkluživ. Se tqis ir-riżultati tal-evalwazzjoni fuq l-impatt fit-tul tal-programm ta' qabel. |

Or. ro

**Emenda 32**
**Silvia-Adriana Țicău**

**Proposta għal regolament**
**Anness – punt 1 – punt 1.2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1.2a. Innovazzjoni fis-saħħa u s-saħħa elettronika: l-użu ta' sistemi tat-trasport intelliġenti (ITS) permezz ta' servizzi mediċi ta' emerġenza.*** |

Or. ro

**Emenda 33**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Anness – punt 1 – punt 1.4 a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1.4a. Jinħolqu sinerġiji mal-qasam tar-riċerka Ewropea sabiex l-avvanzi prinċipali li saru fir-riċerka jistgħu jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***introdotti u applikati fil-prattika, fis-sistemi tas-saħħa.*** |

Or. en

**Emenda 34**
**Silvia-Adriana Ţicău**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Li jikber l-aċċess għall-għarfien espert mediku ***u*** informazzjoni medika għal kundizzjonijiet speċifiċi anki lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jiġu żviluppati soluzzjonijiet u linji gwida komuni biex titjieb il-kwalità tal-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti sabiex jikber l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-UE. | 2. Li jikber l-aċċess għall-għarfien espert mediku***, informazzjoni medika u trattament mediku*** għal kundizzjonijiet speċifiċi anki lil hinn mill-fruntieri nazzjonali u li jiġu żviluppati soluzzjonijiet u linji gwida komuni biex titjieb il-kwalità tal-qasam tal-kura tas-saħħa u s-sikurezza tal-pazjenti sabiex jikber l-aċċess għal kura tas-saħħa aħjar u aktar sikura għaċ-ċittadini tal-UE. |

Or. ro

**Emenda 35**
**Maria Badia i Cutchet**

**Proposta għal regolament**
**Anness 1 – punt 4.1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4.1. It-tħejjija u r-rispons għat-theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali filwaqt li jitqiesu inizjattivi globali u ssir koordinazzjoni magħhom: l-istabbiliment ta' elementi komuni dwar l-ippjanar tat-tħejjija ġenerika u speċifika, inkluż għall-influwenza pandemika, u rapportar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija. | 4.1. It-tħejjija u r-rispons għat-theddid serju għas-saħħa ta' natura transkonfinali filwaqt li jitqiesu inizjattivi globali u ssir koordinazzjoni magħhom: l-istabbiliment ta' elementi komuni dwar l-ippjanar tat-tħejjija ġenerika u speċifika, inkluż għall-influwenza pandemika, u rapportar regolari dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' tħejjija. ***titwassal l-innovazzjoni għall-pazjenti għall-prevenzjoni, id-dijanjosi u*** |

***t-trattament ta' mard li ġej minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw, li kulma jmur qiegħed isir realtà f'ċerti pajjiżi Ewropej.***

Or. en